MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 524/2013

Anthony **BRIFFA,** f’ismu proprju u għan-nom u in Bathline Limited□rappreżentanza tas-soċjeta

vs

Vincent Oliver **ABELA**, f’ismu proprju u għan-nom u in Laila Ceramics Enterprises Limited□rappreżentanza tas-soċjeta

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-31 ta’ Mejju, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra r-rikorrent *proprio* u *nomine* talab li l-Qorti terġa’ tagħmel eżekuttiva s-sentenza mogħtija fit-28 ta’ Marzu, 2003, fil-kawża fl-ismijiet premessi (Citazz. Nru. 486/1994PS) u dan billi

għaddew aktar minn għaxar (10) snin minn meta l-imsemmija sentenza saret eżekuttiva;

Rat li l-intimat notifikat ma ppreżentax risposta u lanqas deher għar-Rikors;

Rat li r-rikorrenti kkonferma bil-ġurament il-kontenut tar-rikors u ddikjara li ma tħallas xejn fil-mori ta' dawn il-proċeduri;

Illi għalhekk it-talba tar-rikorrenti tirriżulta ġustifikata u għalhekk tilqa' t-talbiet tal-istess rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat *proprio* u *nomine.*

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------